

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 530/2014**tat-12 ta' Marzu 2014****li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu ulterjorment l-iskoperturi materjali u l-livelli limitu għall-approċċi interni għar-riskju speċifiku fil-portafoll tan-negożjar****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ⁽¹⁾ u b'mod partikolari, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 77(4) tagħha.

Billi:

- (1) L-Artikolu 77(3) tad-Direttiva 2013/36/UE jirreferi biss għal "strumenti tad-dejn", għalhekk l-istrumenti ta' ekwità fil-portafoll tan-negożjar ma għandhomx jiġu inklużi fil-valutazzjoni tal-materjalità ta' riskju speċifiku.
- (2) Il-materjalità f'termini assoluti tal-iskoperturi għal riskju speċifiku għandha titkejjel billi jiġu applikati r-regoli standardizzati għall-ikkalkular tal-pożizzjonijiet netti tal-istrumenti tad-dejn. Din il-valutazzjoni għandha tqis kemm il-pożizzjonijiet twal netti kif ukoll dawk qosra, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 327(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, wara li tkun ingħatat konċessjoni għall-koperturi (hedges) ipprovduti minn derivattivi tal-kreditu skont l-Artikoli 346 u 347 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 77(3) tad-Direttiva 2013/36/UE li jkopri r-riskju speċifiku fil-portafoll tan-negożjar, jirreferi għal "numru kbir ta' pożizzjonijiet materjali fi strumenti ta' dejn ta' emittenti differenti". Għalhekk, dawn ir-regoli stabbilixxew livell limitu ta' materjalità għal numri kbar ta' pożizzjonijiet materjali fi strumenti ta' dejn ta' emittenti differenti, skont l-Artikolu 77(4) ta' din id-Direttiva.
- (4) Dan ir-Regolament jissejjes fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.
- (5) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu jissejjes dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati mwaqqaf skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Definizzjoni ta' "skoperturi għal riskju speċifiku li jkun materjali f'termini assoluti" skont l-Artikolu 77(4) tad-Direttiva 2013/36/UE**

L-iskopertura ta' istituzzjoni għal riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn titqies li tkun materjali f'termini assoluti meta l-ammont tal-pożizzjonijiet twal u qosra netti kollha jkun aktar minn EUR 1 000 000 000, kif definit fl-Artikolu 327 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 27.6.2013, p. 338.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1)

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 12).

*Artikolu 2***Definizzjoni ta' "numru kbir ta' pożizzjonijiet materjali fi strumenti tad-dejn ta' emittenti differenti" skont l-Artikolu 77(4) tad-Direttiva 2013/36/UE**

Il-portafoll sottomess għar-riskju speċifiku ta' istituzzjoni jitqies li jinkludi numru kbir ta' pożizzjonijiet materjali fi strumenti tad-dejn ta' emittenti differenti, meta l-portafoll ikun jinkludi aktar minn 100 pożizzjoni, b'kull waħda tammonta aktar minn EUR 2 500 000, kemm jekk dawn il-pożizzjonijiet ikunu twal netti jew qosra netti, kif definit fl-Artikolu 327 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
